**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 387/2017 PM1**

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Quality Foods (Marketing) Limited u l-istess Quality Foods (Marketing) Limited (C31957)**

**Vs**

**Daniel Tonna (ID Nru. 594383(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 t'Awwissu, 2017 illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija hamsa u sebghin ewro sitta u erbghin centezmu (€875.46) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici Quality Foods (Marketing) Limited, assikurata mas-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited, u li ghalihom ghamlet tajjeb in kwantu ghal seba' mija u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmi (€750.46) l-istess socjeta` attrici Elmo Insurance Limited bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha u in kwantu ghal mija hamsa u ghoxrin ewro (€125) subiti mis-socjeta` Quality Foods (Marketing) Limited u dan in segwietu ghall-

incident li sehh fis-26 ta' Ottubru, 2015 fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, meta waqt li l-konvenut kien qieghed itella' karru bl-ispeedboat bin-numru ta' registrazzjoni S-9824, l-imsemmi karru regga lura u habat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni QIL015, proprjeta` tas-socjeta` attrici Quality Foods (Marketing) Limited u misjuqa minn Jason Joseph Farrugia, ghal liema incident u konsegwenzjali danni l-konvenut Daniel Tonna kien unikament responsabbli; bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Lulju, 2016, dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' April, 2017 a tenur tal-art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali b'effett mit-13 ta' Lulju, 2016 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Illi l-konvenut gie  debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tal-20 t'Ottubru, 2017 u tal-20 ta' Novembru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-20 ta' Novembru, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Fir-rigward tal-imghaxijiet dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika lill-intimat tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja (Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallasu lill-atturi is-somma ta' tmien mija hamsa u sebghin ewro sitta u erbghin centezmu (€875.46) rapprezentanti d-danni kollha sopportati mill-atturi, kif mitlub, u cioe` is-somma ta' seba' mija u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmi (€750.46) li ghalihom ghamet tajba s-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited u s-somma ta' mija hamsa u ghoxrin ewro (€125)

danni rimanenti sopportati mis-socjeta` Quality Foods (Marketing) Limited u dan in segwitu ghall-incident li sehh fis-26 ta' Ottubru, 2015 fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar ghal liema incident u konsegwenzjali danni l-konvenut Daniel Tonna kien unikament responsabbli; bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Lulju, 2016, dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' April, 2017 a tenur tal-art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali b'effett mid-data tan-notifika lill-intimat tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**